**Minuti tal-Laqgħa nru 27 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2009 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.35 p.m. | 10.15 p.m. |
| Vi`i Sindku Josette Agius Decelis | 7.40 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.15 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Skużata | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.40 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.35 p.m. | 9.35 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 26 tal-21 ta' Mejju 2009**

1.01 Is-Sur Paul Agius talab korrezzjoni f'item No 1.02 billi wara l-kliem "tas-Sur Paul Agius *jiżdiedu il-kliem* "li qal li hu ma joqgħodx għall-kliem ta' *pupi* "

1.02 Is-Sur Joe Demartino talab li f'item 2.05 l-ewwel sentenza tal-paragrafu tinbidel bil-kliem "*Joe Demartino staqsa dwar l-appell li ressqu r-residenti dwar il-każ ta' bini f'Wied il-Għasel u staqsa x'ġara dwar dan il-każ u wera id-diżappunt tiegħu li l-Kunsill ma kienx rappreżentat*" u it-tieni sentenza tibda "*It-Tabiba Farrugia .......*"

1.03 Is-Segretarju talab li f'item 4.01 tiżdied is-sentenza "*Ġiet approvata wkoll il-lista ta' pagamenti li saru b'urġenza għat-total ta' €18,947,03"*. Din tħalliet barra bi żvista.

Ġew approvati u iffirmati dawn il-korrezzjonijiet.

**2.0 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Ġie deċiż li l-kuntrattur Robert Borg li ħa ħsieb ix-xogħol f'Ta' Bistra jiġi informat permezz ta' ittra dwar nuqqasijiet fix-xogħol li għamel u jekk baqa xi pagamenti xi jsiru dawn jinżammulu. Is-Segretarju qal li din l-ittra ser tintbagħat mill-avukat tal-*Heritage Malta*. Ġie approvat li xogħol li jonqos fuq l-elettriku jsir mill-istess kuntrattur tat-tender ta' tkomplija tax-xogħol, u l-Inġinier Stephen Buttiġieg li kien ipprepara il-pjanti tal-elettriku ser jgħamel ix-xogħol ta' testing u jara wkoll x'jonqos li jsir u jagħmel supervisjoni tax-xogħlijiet li jonqos f'Ta' Bistra f'dak li għandu x'jaqsam ma elettriku għas-somma ta €1,227,20 li jiġu irkuprati mill-fondi tal-*Cultexchange*.

## 3.0 Korrispondenza

3.01 Inqrat l-ittra li l-Kunsill bagħat b'risposta lis-Sur Peter Portelli Permanent Secretary (ITSD) OPM, dwar rifjut ta' talba għal-xogħol ta' toroq wara l-HSBC.

3.02 Inqrat ittra tal-MEPA dwar bini f'nru 2 Pjazza Rotunda ref PA 08261/05

3.03 Email tal-avukat Mifsud dwar bilanċ pendenti lill-Avukati Ganado Sammut Advocates. Nistennew mingħand l-avukat tal-Kunsill.

3.04 Ittra b'BOQ għall dawl fi Triq il-Parroċċa. Għandhu jinħareġ tender għall dan ix-xogħol.

3.05 Ittra minn Ganado Sammut. Dan l-item ġie ittrattat taħt item 3.03.

3.06 Tpoġġa fuq il-mejda statement mill-MEPA dwar il-fondi tal-UIF,EIPP u CPPS.

3.07 Ġiet innotata ittra u ċertifikat li l-Għaqda Filantropika Talent Mosti ġiet aċċettata fi Skeda 7 tal-liġi tal-Kunsilli.

3.08 Ittra ta' John Demicoli ma nqratx għaliex kien fiha kontenut politiku u rrelavanti għall-Kunsill.

3.09 Stedina mis-Soċjeta Filantropika N. Isouard għal laqgħa dwar bust għall-Mons Bezzina. Ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni.

3.10 Talba għall danni ta' ħsara fi Triq id-Difiża. Dawn it-talbiet għandhom jiġu riferuti lid-Dipartiment għal-gwida.

3.11 Talba għal donazzjoni mill-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Jingħataw €116.46 (Lm 50).

3.12 Tpoġġiet email mis-Segretarju Eżekuttiv Jimmy Magro tal-AKL dwar il-patt tas-Sindku. Għandha tintbagħat il-formola.

3.13 Talba għal meeting mill-Arċipriet dwar il-festa ta' Santa Marija. Jattendi is-Segretarju Eżekuttiv. Dwar talba għall-spostjar ta' kjosks l-Arċipriet u l-pulizija għandhom jiġu avżati li kollox ser jibqa bħas-sena l-oħra, u diskussjonijiet jsiru mal-GRTU, rappreżentanti tal-bejjiegħa u tad-Dipartiment tal-Kummerċ. Il-Kunsill mhux lest jiffaċċja din il-problema waħdu. Kull arranġament għandu jsir b-effett mis-sena d-dieħla.

3.14 Ittra ta' approvazzjoni għall-ingaġġ ta' skrivani mal-Kunsill minn Silvio Frendo (DKL). Tibda il-proċedura kif titlob il-liġi għall-impjieg ta' 3 skrivani.

3.15 Dwar ittra ta' oġġezzjoni mill-Perit Etienne Magri għall-sejħa b'tender għall-periti mal-Kunsill is-Sur Demartino talab li jkun jaf meta saret din is-sejħa u jekk il-kundizzjonijiet mitluba kienux l-istess bħall dawk mitluba għall-ħatra ta' avukat. Is-Sindku qal li huwa talab li l-perit irid ikollu uffiċju l-Mosta għall-kumdita tal-Kunsill. Is-Sur Demartino talab ukoll jekk kienux intalbu l-istess kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-fuljett. Is-Sindku wieġeb li f'dan il-każ ma kienx hemm bżonn. Is-Sur Demartinio qal li din it-tender kienet "falza" għaliex ma kienx jagħmel sens li perit irid ikollu 20 sena esperjenza biex ikun jista japplika u jidher li skond il-bżonn inqabblu. Staqsa jekk is-Sindku kellux il-kuraġġ jgħid għaliex kien kitiblu l-Prim Ministru. Is-Sindku wieġeb li huwa kien ġie mhedded u kien lest jiżvela minn min meta jkun hemm bżonn . Is-Sur Demartino qal li jekk xi ħadd għamel hekk kien għamel ħażin. Iżda huwa qal li titlob li perit irrid bilfors ikollu uffiċju l-Mosta ma tagħmilx sens u ma tagħmel l-ebda differenza fejn għandu l-uffiċċju. Is-

Sindku qal li jrid Perit serju u b'esperjenza u mhux kif kien hawn qabel. Dan kien jgħaddi u japprova kontijiet ta' xogħol ħażin bħal ma kien sar fil-bankina ta' Triq Durumblat.

Is-Segretarju spjega li t-tenders għall-periti ġodda ġew issiġillati taħt il-firma ta' żewġ kunsilliera, ta' impjegata, rappreżentanta ta' wieħed mill-periti u tas-Segretarju Eżekuttiv sa kemm jirċievi struzzjonijiet mid-dipartiment.

3.16 Inqrat email mill-perit Etienne Magri dwar kontinwazzjoni ta' xogħlijiet pendenti. Ġie ikkonfermat li dawk ix-xogħlijiet mibdija għandhom jitkomplew mill-periti Sant & Mugliett.

3.17 Is-Sindku ippreżenta ittra b'talba sabiex jinxtraw kotba mingħand is-Sur Paul Vella. Ġie approvat li jinxtraw numru żgħir ta' kotba.

3.18 Is-Sindku ippreżenta ittra mingħand is-Sinjura Carmen Cacopardo li lmentat li mhux qed isiru laqgħat tal-kumitat tal-librerija u li l-librerija mhix tinfetaħ b'mod regolari. Is-Sur Demartino qal li kienet ir-responsabilita tac-Chairman li jlaqqa il-laqgħat u għalhekk kien l-istess Sindku li għandu jara li dan jiltaqa.

3.19 Is-Sindku qara l-ittra li kien irċieva mingħand il-Prim Ministru dwar l-**AVVIŻ FORMALI** u qal li huwa kellu dritt jiddefendi ruħu u jirribatti l-akkużi. Mhux sew li jiġi akkużat u ssentenzjat mill-istess persuna mingħajr ma jingħata ċans jiddefendi ruħu. Huwa qal li kellu theddid serju iżda huwa kien ħareġ għall-elezzjonijiet tal-Kunsill u sar Sindku biex ikun jista jagħmel il-ġid lill-Mostin.

**4.0 Materji Finanzjarji - *approvazzjoni ta' pagamenti***

4.01 Ġew approvati listi ta' pagamenti li jammontaw għall-€5,411,53 u €579,51.

**5.0 Skema Energy Savings Agreement**

5.01 Ġie approvat li jiġi iffirmat dan il-ftehim.

**6.0 Heritage /Mgarr/Mosta Partnership EAFRD Application**

6.01 Ġiet approvata l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mosta kif applikata mill-Heritage Malta flimkien mal-Kunsill tal-Mġarr.

**7.0 MRRA Projects Under Measures 313 and 323 status**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm żviluppi dwar l-applikazzjonijiet tal-EU – MRRA 313 u 323. Dawn kien għandhom qed jiġu evalwati. Intant kienet ser issir it-talba għall-fondi mill-Gvern Ċentrali għall- Co-Financing.

**8.0 Każ Bidnija**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kawża dwar il-Bidnija kienet inqatgħet favur il-Kunsill Lokai tal-Mosta. Wieħed issa irrid jara jekk din tiġix appellata u jekk le l-Kummissjoni Elettorali għandha tikkonsidra l-konfini tal-Mosta mill-ġdid sabiex dawn jkunu jinkludu l-Bidnija kollha mal-Mosta.

## 9.0 Kuntratt Youth Empowerment Centre – Anna Grech

9.01 Fin-nuqqas ta' ftehim ġdid mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u mas-Segretarju Parlamentari Clyde Puli, il-Kunsill Lokali qabel li jibqa jagħmel tajjeb għall-ispejjes sabiex is-Sinjura Anna Grech tibqa tagħti s-servizz tagħha fil-Youth Empowerment Centre. Dan sakemm niġu nformati bil-pjanijiet tad-Dipartiment.

## 10.0 Laqgħa Annwali Kommunita

10.01 Ġie deċiż li din issir nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2009 bl-Agenda tas-soltu kif stipulat mill-liġi.

## 11.0 Ħwejjeġ oħra

## 11.01 Ta' Bistra

Is-Segretarju talab li jiġi approvat l-istampar ta' leaflets fis-somma ta' €2837,90 minn F. Zammit Media Design Entertainment wara li kienu nġiebu *quotations* għal dan ix-xogħol. Dawn l-ispejjes jiġu rkuprati mill-programm CULTEXCHANGE tal-EU.

11.02 Ġew approvati dawn l-attivitajiet

1. Wirja Agrarja fil-Bidnija is-Sibt 11 ta' Lulju li tiġi organizzati mill-Kirby Fenech u Paul Agius.
2. Kirby Fenech infurmat li ser issir attivita Mosta Fest u stiednet il-parteċipazzjoni tal-Kunsilliera kollha.
3. Mario Sammut talab u gie approvat li jiġu ipprovdut trasport għall-anzjani għall-attivita li kien ser jorganizza fil-25 ta' Lulju u BBQ fid-29 ta' Awissu. It-Trasport jiġi provdut biss għall-BBQ li ser isir fi Ġnien [illegible]

11.03 Is-Sindku talab u ġie approvat li s-Sinjuri Charles Vella u Freddie Bartolo jiġu maħtura membri fil-Kumitat ta' Riġenerazzjoni Kulturali.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv